L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 29 ta' Awwissu 2018 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw **TLIET** temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu **WAĦDA** minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett **(Total: 4 marki)**

N.B.: L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. L-Espressjoni

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza **(Total: 6 marki)**

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-kandidati jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

1. **Il-moda għadha moda?**

- X'tifhem b'moda?
- Taħseb li teżisti moda ta' kollox? Tista' ssemmi xi eżempji ta' moda f'oqsma differenti? (Ilbies, stil tax-xagħar, karozzi, lingwaġġ, ikel, logħob, kuluri, programmi segwiti fuq it-TV, eċċ.)
- Hemm moda li tmur u terġa' tiġi moda. Għaliex taħseb li jiġri hekk? Tista' ssemmi xi eżempji?
- Xi jġegħelna nsegwu l-moda?
- Taħseb li huwa possibbli għal kulħadd li jsegwi l-moda? Għaliex? – Biex issegwi l-moda trid ħafna flus. Veru?
- Taħseb li min ma jsegwix il-moda jidher stramb jew ikun żvantaġġjat fis-soċjetà? Għaliex? (pressjoni soċjali, *bullying*)
- Min jew xiex taħseb li jiddetta l-moda?
- X'taħseb fuq l-istilisti u l-isfilati tal-moda tal-ilbies?
- X'inhi l-opinjoni tiegħek fuq il-mudelli? Taħseb li dawn tassew jistgħu jservu ta' eżempju tajjeb biex nimitawhom jew qed jagħmlu aktar ħsara? Għaliex?
- Taħseb li l-moda tagħmlek skjav u tivvittimizzak jew tgħinek tgħix aħjar?
- Inti ssegwi xi moda? Liema waħda u għaliex?
- Taħseb li l-moda tappella bl-istess mod għal kulħadd?
- Taħseb li ż-żgħażagħ u l-anzjani jħarsu lejn il-moda bl-istess mod?
- Lil min jindirizzaw l-aktar id-ditti fir-reklami? Għaliex?
- Minn xiex taħseb li ninfluwenzaw ruħna l-aktar fil-moda li nsegwu:
  - mir-reklami fuq it-TV?
  - minn sħabna?
  - mill-*videos* tal-kanzunetti?
- Iż-żgħażagħ ma jridux jidħlu fi skemi riġidi "tal-kbar", imbagħad jispiċċaw jidħlu fi skemi tal-grupp ta' sħabhom (ilbies tad-ditta, eċċ.). X'taħseb dwar dan?

2. **Il-ktieb għad jinqered minħabba l-kompjuter?**

- Il-ktieb u l-kompjuter jistgħu jgħixu flimkien it-tnejn li huma? Għaliex?
- Fiex jixxiebhu u fiex huma differenti minn xulxin?
- X'inhuma l-akbar vantaġġi u benefiċċji tal-ktieb u tal-kompjuter?
- X'inhuma l-akbar żvantaġġi tal-ktieb u tal-kompjuter?
- Il-kompjuter għall-istudju: jista' wieħed jikkonċentra fuq l-istudju jekk jużah?
- Veru li bl-użu esaġerat tal-kompjuter moħħna ma jiżviluppax?
- Taħseb li hu possibbli li jkun hemm speċi ta' kompromess dwar kemm student għandu jitħalla juża l-kompjuter?
- Il-qari fuq skrin huwa studju? Jew l-istudju huwa mod ta' kif l-għerf ta' ħaddieħor jinkiseb mingħandek ukoll?
- Il-qari waħdu ma hux studju. Taqbel?
- Kif tispjega l-fatt li malli l-kompjuter jagħtina minnufih l-informazzjoni mitluba, ftit issib persuni li jistagħġbu u jistaqsu xi jkun qed jiġri?
- Jista' jkun li dan il-fenomenu mxerred juri li l-bniedem qiegħed jitlef il-ħila li jistagħġeb?
- Int x'tippreferi, taqra ktieb jew tuża l-kompjuter?
- Taħseb li l-ktieb għad jinqered minħabba l-kompjuter? Għaliex?

3. **L-ambjent jinsab fil-periklu**

- X'tifhem b'ambjent?
- X'taħseb li huma l-problemi ambjentali li kulħadd illum jaqbel li jeħtieġu soluzzjoni qabel ma jkun tard wisq?
- Kif niddeskrivu ambjent li huwa ħażin, ostili għall-bniedem?
- Ambjent imħassar jolqot qabelxejn lilna. Semmi liema ħsarat jistgħu jsiru lilna stess meta nħassru l-ambjent.
- L-edukazzjoni favur l-ambjent trid tibda kmieni, mill-klassijiet bikrija. Taqbel? Elabora.
- X'għandu jsir biex din l-edukazzjoni favur l-ambjent tagħna stess tkompli tikber?
- Insibu diversi gruppi li jaħdmu favur l-ambjent f'Malta. Taħseb li dawn huma tassew effettivi? Titħajjar tissieħeb ma' xi wieħed minnhom? X'sehem lest li tagħti f'dan il-grupp?
- Kif nistgħu nintlaqtu serjament aħna minn ambjent imħassar?
- L-annimali jbatu ħafna aktar milli naħsbu meta jsibu ruħhom f'ambjent imħassar, li xejn ma jgħodd għalihom u xejn ma jagħmlilhom ġid. X'għandu jsir f'dan il-qasam?
- Issib lil min jgħidlek li ambjent tajjeb jiddependi minn dak li jagħmel l-individwu. Persuna waħda, jew weħidha, x'tista' tagħmel biex l-ambjent ikun dak li għandu jkun?
- Meta tqis kemm Malta hi ċkejkna, u kemm hi debboli quddiem l-isfidi tal-lum, is-soluzzjoni ma tidhirx faċli. Imma hemm żgur bżonnha. X'inhuma l-proposti tiegħek?
- Taħseb li f'pajjiżna jeżistu biżżejjed liġijiet li jipproteġu l-ambjent? Jekk iva, taħseb li dawn qed jiġu osservati?

4. **Is-safar huwa bżonn, lussu, jew kapriċċ rari?**

- Ġieli sifirt xi mkien? X'kienet ir-raġuni? Tista' tiddeskrivi fil-qosor din is-safra?
- Meta ssiefer x'għandek tfittex l-ewwel?
- Tassew li s-safar isir isbaħ meta tasal lura d-dar minħabba li tkun qiegħed tibda tiftakar?
- Jeżistu tipi differenti ta' safar? Tista' ssemmi xi wħud minnhom?
  - divertiment
  - xogħol
  - studju
- Kieku jkollok l-opportunità li ssib impjieg barra minn pajjiżek, teħodha? Għaliex?
- Għaliex taħseb li xi persuni jsiefru sikwit, u oħrajn kważi qatt?
- X'inhuma l-ħsibijiet li aktarx jgħaddu dejjem minn moħħna meta nkunu fl-ajruport nistennew, jew meta nkunu fuq l-ajruplan?
- Kull pajjiż jixbah lil pajjiżek f'ċerti affarijiet, u huwa differenti f'affarijiet oħra. Liema minnhom tasal tapprezza l-aktar?
- Hemm kittieba minn kull pajjiż li kitbu kotba sħaħ biex jiddeskrivu l-esperjenzi tagħhom fis-safar. Oħrajn saħansitra fittxu s-safar biex jiktbu xi ktieb tagħhom. Qatt qrajt xi ktieb ta' dan it-tip, u jekk le, allura kif tispjega dan il-bżonn tas-safar biex awtur jikteb?
- Hawn min is-safar għad-divertiment jarah ħela ta' flus. Inti taqbel? Għaliex?
- Hawn min biex isiefer għad-divertiment jissellef il-flus. Taqbel ma' dan? Għaliex?
- Għandek xi xewqa biex iżżur xi pajjiż partikolari? Jekk iva, fejn u għaliex?

5. **In-nisa jibqgħu jistudjaw aktar mill-irġiel**

- Fl-Università ta' Malta, bħal f'universitajiet oħra fl-Ewropa, in-numru ta' studenti nisa hu ikbar min-numru ta' studenti rġiel. Għaliex taħseb li hemm din id-diskrepanza bejn l-għadd ta' nisa u rġiel li jmorru l-Università?
- Taħseb li dan ifisser li n-nisa huma aktar intelliġenti mill-irġiel?
- Taħseb li t-tfajliet jieħdu l-istudju b'aktar serjetà mill-ġuvintur?
- Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika juri li n-nisa jagħżlu suġġetti bħall-Edukazzjoni, l-Umanistika u l-Arti (*Humanities and Arts*), ix-Xjenzi Soċjali, u l-Oqsma tas-Saħħa. L-irġiel, mill-banda l-oħra, huma iktar numerużi fil-korsijiet tax-Xjenza, tal-Matematika, tal-Informatika u tal-Inġinerija. X'taħseb li jwassal għal din id-differenza fl-għażla tal-oqsma ta' studju?
- Minkejja li n-nisa jmorru iktar l-Università mill-irġiel, skont studju reċenti, kważi 50% biss tan-nisa Maltin joħorġu jaħdmu. Dan xi jfisser? (Li n-nisa qed jiggradwaw imma mhumiex isibu xogħol jew qed jagħżlu li jibqgħu d-dar?)
- Taħseb li l-irġiel ikunu ppreferuti min-nisa meta japplikaw għall-istess xogħol? Għaliex?
- Minkejja li n-nisa jibqgħu jistudjaw aktar mill-irġiel, l-aktar pożizzjonijiet għolja x'aktarx li jokkupawhom l-irġiel. Għaliex taħseb li jiġri hekk?
- Għad hemm każi fejn l-irġiel jitħallsu aktar min-nisa għall-istess xogħol. Taħseb li dan huwa ġust? Għaliex?
- Taħseb li f'pajjiżna teżisti diskriminazzjoni kontra n-nisa fid-dinja tax-xogħol?
- Taħseb li huwa sew li mara li tkun stinkat biex tistudja u tiggradwa, wara li tiggradwa tissagrifika l-karriera tagħha biex tieħu ħsieb il-familja tagħha? Għaliex?

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 29 ta' Awwissu 2018 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**Il-moda għadha moda?**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 29 ta' Awwissu 2018 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**Il-ktieb għad jinqered minħabba l-kompjuter?**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 29 ta’ Awwissu 2018 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**L-ambjent jinsab fil-periklu**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 29 ta' Awwissu 2018 |

## KARTA GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

**Is-safar huwa bżonn, lussu, jew kapriċċ rari?**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | L-Oral |
| DATA: | 29 ta' Awwissu 2018 |

**KARTA GĦALL-KANDIDATI**

Suġġett għad-diskussjoni:

**In-nisa jibqgħu jistudjaw aktar mill-irġiel**

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 3 ta' Settembru 2018 |
| ĦIN: | mid-9.00 a.m. sa 12.05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

**TAQSIMA A: IL-KOMPONIMENT**

**Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti. F'dan it-taħriġ trid turi l-kreattività u l-ħila tat-tifsir tal-ħsieb bl-ordni, b'mod ċar, u bi stil idjomatiku.**

1. Il-kuntentizza possibbli f'din id-dinja?
2. L-avventura tar-riċerka.
3. Il-passat mhux garanzija tal-futur.
4. It-tlajja' u l-inżul tal-ħbiberija.
5. Ħajja mimlija opportunitajiet, ħajja mimlija għażliet.

**(Total: 15-il marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B: TAQSIRA

**Qassar din is-silta fi kliemek f'madwar mitt (100) kelma:**

### Il-Flus

Jekk hemm ħaġa li jixtieqha kulħadd, din il-ħaġa hija l-flus. U sakemm wieħed jixtieq ikollu l-flus għal skopijiet tajba, din mhix xewqa ħażina għax mingħajr flus il-bniedem la jkollu x'jiekol u lanqas x'jilbes. Kemm huma meħtieġa l-flus għall-għajxien jafu jgħidu l-ommijiet u l-missirijiet li jridu jitimgħu u jlibbsu mhux biss lilhom infushom imma lil uliedhom. Il-flus huma l-ġid tal-bniedem u tal-pajjiż; imma l-ġid ta' bniedem u ta' pajjiż mhumiex magħmula mill-flus biss imma minn dawk l-oġġetti l-oħra kollha bħal bini, għelieqi, ħila għal xi sengħa u kull xogħol li jissarraf fil-flus.

Fi kliem ieħor, il-ġid tal-bniedem u ta' pajjiż huwa l-flus li jkollu kull wieħed minna kif ukoll dawk il-ħwejjeġ kollha li jistgħu jinbiegħu lil min jeħtieġhom bil-flus.

Flus u ġid jinbidlu u jissarrfu f'xulxin sakemm hemm is-suq tal-oġġetti li għandna bżonn għax jekk neħtieġu oġġetti u dawn ma nsibux nixtruhom għalkemm għandna l-flus, il-flus ma jibqgħux jiswewlna daqskemm imisshom. B'hekk jiġri li jekk ma nsibux l-oġġetti li rridu niksbu, il-flus ma jibqgħux jiswewlna, almenu safejn għandhom x'jaqsmu dawn l-oġġetti. Ikollok u ma jkollokx xorta, għax xorta waħda wieħed ma jakkwistax l-oġġett li jkun jixtieq. Li kieku int ikollok id-deheb tad-dinja kollha u mbagħad ma jkollokx qatra ilma x'tixrob u ħobża x'tiekol, int kont tmut. Mela l-flus jiswewlna sakemm jissodisfaw il-bżonnijiet tagħna. Il-flus għandhom valur għalik biss jekk inti bihom takkwista dak li għandek bżonn. Jekk, għalhekk, inti għall-gost li toqgħod tfaddal, ma tonfoqx biżżejjed, int ftit li xejn tista' tiftaħar li bi flusek qed tgħix aħjar minn min, għad li għandu flus anqas minnek, jgħix aktar komdu, għax jaf x'jagħmel bi flusu aktar minnek. Dan ifisser li bla ma wieħed jaħli flusu fix-xejn, bil-flus jista' jikseb dak li jkollu bżonn għall-ħajja ta' kuljum.

(Addattata minn 'Il-Flus' ta' Ġużè Aquilina, *Madwar il-Ħajja*)

**(Total: 5 marki)**

## TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA MALTIJA

**Agħżel mistoqsija WAĦDA:**

1. Il-kliem jista' jibdel is-sens tiegħu b'diversi modi u kawżi mal-mogħdija taż-żmien. Ikkummenta b'eżempji xierqa mill-ilsien Malti.

2. L-influwenza tal-Għarbi fil-Malti nsibuha kemm fil-qasam lessikali kif ukoll, prattikament, fl-oqsma kollha tal-grammatika Maltija. Iddiskuti b'eżempji xierqa.

**(Total: 10 marki)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 4 ta' Settembru 2018 |
| ĦIN: | mid-9.00 a.m. sa 12.05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.

**TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TAS-SEKLU XX**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet. Irreferi għal poeti u poeżiji magħżula b'mod bilanċjat mis-seklu għoxrin kollu.**

1. Waqt li għall-poeti Romantiċi, il-pajsaġġ Malti huwa sikwit post fejn il-bniedem jista' jitnebbaħ min-natura u jistkenn mill-azzjonijiet ħżiena tal-bnedmin l-oħra, għall-poeti Moderni l-pajsaġġ isir vittma wkoll tal-insensittività lejn in-natura u r-regħba tal-Maltin.

2. Fil-viżjoni Romantika tal-ġens Malti hemm komunità magħquda b'identità waħda u b'għan wieħed, waqt li fir-rappreżentazzjoni tal-Moderni, il-kotra Maltija tittradixxi din il-viżjoni idealizzata tal-poeti li kitbu qabel ma Malta ħadet l-Indipendenza fl-1964.

**(Total: 10 marki)**

**TAQSIMA B: MONOGRAFIJI POETIĊI**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet.**

1. Fil-poeżiji tagħha, Maria Grech Ganado tinqeda kemm bit-ton liriku kif ukoll bit-ton ironiku biex tirrakkonta l-esperjenzi tal-bnedmin. Iddiskuti.

2. Waħda mill-karatteristiċi ewlenin tal-poeżija ta' Maria Grech Ganado hija l-ħila li bix-xbihat letterarji li toħloq, tqanqal emozzjonijiet u tissuġġerixxi ħsibijiet li l-lingwa letterali mhix kapaċi twassal. Iddiskuti.

3. Fil-poeżiji tiegħu, Pawlu Aquilina jikteb kemm-il darba dwar il-figura tal-poeta, dak li kapaċi jesprimi n-niket u jwassal l-hena, u dwar il-poeżija, li sikwit jorbotha mal-mużika. Iddiskuti.

4. Iddiskuti dwar kif Pawlu Aquilina jinqeda bin-natura biex jitkellem dwar l-esperjenza umana.

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: IL-KRITIKA LETTERARJA (POEŻIJA)**

**Agħżel WAĦDA minn dawn iż-żewġ poeżiji.**

**Agħmel stħarriġ kritiku fit-tul u bir-reqqa tal-poeżija li tagħżel, skont ix-xejriet tematiċi u stilistiċi tagħha. Analizza l-poeżija fiha nfisha bħala xogħol sħiħ, daqskemm biċċa biċċa bħala ġabra ta' elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lill-unità tal-poeżija, lill-metrika, lit-tqassim tal-istrofi, lix-xejriet tal-frażjoloġija, lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, fosthom il-metafori, u lill-għażla tal-kliem.**

1.

**Vjatku**

Kelli ndawwar wiċċi,
ma flaħtx narak hekk:
wiċċek minfuħ, għajn waħda
magħluqa, l-għajn l-oħra
l-uniku xaqq ta' ħajja.

Meta naslu hawn
fl-aħħar stazzjon,
dipendenti għalkollox
mill-qalb tajba
ta' nies li ma nafux,

bejn id-dożi tal-morfina
għandu mnejn ifeġġ
ir-raġġ ta' ħniena
tal-infermiera
li bil-paċenzja kollha
titmagħna s-soppa,
mgħarfa, mgħarfa,
issabbarna,
terħina mill-imrar
bl-aħħar tqarbina.

Joe Brincat

(mill-ktieb *Fil-Kamra s-Skura*, 2009)

**JEW**

2.

**Għeluq l-Erba' Xhur**

Għeluq l-erba' xhur
imxejna max-xtajta
fost nies
li forsi jifhmuna,
u kliemna pprova
jfittex l-għarfien
li l-qalb ġa skopriet.

Għajnejna qalu
dak kollu li l-fomm ma setax,
u l-kwiekeb u l-qamar jissawwar
żammew kumpanija 'l mixjietna.

Ix-xewqat riedu l-mistrieħ hemm fil-beraħ
tal-baħar u tal-blat, u jien, ngħid għalija,
xtaqt negħreq u mmut, għal ftit,
jew aktar,
fil-fond t'għajnejk.

Lillian Sciberras

(mill-ktieb *Klessidra. Versi taż-Żmien Maħrub*, 2014)

**(Total: 10 marki)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | III |
| DATA: | 5 ta' Settembru 2018 |
| ĦIN: | mid-9.00 a.m. sa 12.05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb kull mistoqsija b'rabta sħiħa mat-test.

## TAQSIMA A: ID-DRAMA

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:**

1. F'*Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* Alfred Sant jippreżenta għażla ta' sitwazzjonijiet politiċi li jistgħu jwasslu biex id-dramm stess joħloq dibattitu politiku dwar l-għażliet ta' poplu. Iddiskuti d-dramm f'dan id-dawl.

2. *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant iħallat flimkien ix-xejriet personali u x-xejriet politiċi, fl-iżvilupp tajjeb jew fl-iżvilupp ħażin tagħhom, fl-istess karattru. Kull personaġġ huwa taħlita ta' xejriet personali u xejriet professjonali. Iddiskuti.

3. Ir-rabta bejn l-imgħoddi u l-preżent tista' titqies bħala parti mill-qofol tad-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer. Menz jidher li wasal fil-fażi matura ta' ħajtu li jistħarreġ jekk il-personalità tiegħu għaddietx minn żvilupp tajjeb jew minn żvilupp ħażin. Waqt li tiddiskuti dan il-ħsieb, uri kif id-dramm kollu huwa mibni fuq din il-qasma fi tnejn.

4. *Menz* ta' Francis Ebejer huwa dramm dwar l-individwaliżmu fid-dawl tad-direzzjonijiet li dan jista' jieħu. Menz, Ġorg u Tereża huma persuni li juru xejriet diversi ta' individwalità li tqarribhom lejn xulxin, u li tbegħidhom ukoll minn xulxin. Iddiskuti d-dramm f'dan id-dawl.

**(Total: 10 marki)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B: IN-NARRATTIVA

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:**

1. *F'Ħala taż-Żgħożija u Stejjer Oħra* Lino Spiteri jippreżenta sensiela ta' kwadretti mill-esperjenza ta' kuljum, u jinqeda bihom biex jislet minnhom tagħlima morali meħtieġa. Iddiskuti dan l-impenn morali f'dawn l-istejjer.

2. Jekk *Ħala taż-Żgħożija u Stejjer Oħra* jitqies bħala sensiela ta' ritratti ta' aspetti varji, personali u soċjali, il-qarrejja jkollhom ritratt ta' soċjetà fi żmien partikolari skont kif joħloqha l-awtur, Lino Spiteri. Iddiskuti b'rabta mat-test

3. *Leli ta' Ħaż-Żgħir* hu rumanz dwar ir-relazzjoni tal-individwu mal-bqija tas-soċjetà. Fil-qiegħ ta' kollox hemm il-kuntrast bejn il-wieħed u l-ħafna. Uri b'liema modi Ġużè Ellul Mercer jibni rumanz sħiħ fuq din ir-relazzjoni.

4. Ikteb dwar kif jinbidlu l-viżjoni u l-esperjenza tal-ħajja ta' Leli Braġ matul ir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer.

**(Total: 10 marki)**

## TAQSIMA Ċ: IL-KRITIKA LETTERARJA (PROŻA)

**Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' WAĦDA minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża.**

**F'dan it-taħriġ tagħmilx taqsira tas-silta magħżula. Is-silta ta' proża trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-binja sintattika tas-sentenzi, lit-tonalità, lir-ritmu li fiha, lill-għażla tal-kliem, u lil kulma jirrendiha letterarja.**

Silta 1.

Iż-żagħżugħ ħares lejn l-arloġġ, ra li kienu d-disgħa, daħal fil-karozza, startja u telaq. Fit-triq ma ltaqax ma' karozzi wisq. Ir-raħal malajr jinġabru jorqdu, ħaseb, bħat-tiġieġ. U ħassu hieni li waqt li huma deħlin ġewwa donnhom qatta tfal imsawta, hu kien ħieles, għadu ħiereġ jiltaqa' ma' ħbiebu u jista' jħares 'il quddiem għal mill-inqas ħames sigħat divertiment bla rażan. Ħames sigħat, jiġifieri ftit inqas mill-ħin li għadda mindu kien ma' ħabibu San Ġorġ – ħin li qattgħu taħt id-doxxa, jiekol u jisma' d-diski, l-aħħar *compact discs* li ġablu ħabib mill-Ingilterra bi prezz ħafna iktar baxx milli minn hawn Malta – imma ħames sigħat li jgħaddu malajr jekk ma jirnexxilhomx igawduhom sew.

Dar mal-kantuniera bi twerżiqa li tellgħet lil tnejn min-nies bil-ġiri fuq il-bankina u saq bħar-riħ tul it-triq wiesgħa sa ma wasal ħdejn id-dar ta' Robert. Paqpaq il-ħorn darbtejn u ħarġet oħt ħabibu. Kienet mejta biex tmur magħhom iżda missierha ma kienx iħalliha u kemm hu u kemm ħuha ma kinux iriduha mas-saqajn. Hi kienet tiddeffes xorta, ħaseb, qisha melħa, imma ma kinitx tista' għajr tindaħal billi ssejjaħ lil ħuha biex tgħarrfu li:

– Jason ġie, Robert, qed jistenniek.

Frans Sammut
(Mir-rumanz *Paceville*)

**JEW**

Silta 2.

Wasal maġenb il-vapur waqt li dan beda jsaffar tal-aħħar u beda jitlaq il-ħbula li kienu jorbtuh mal-art. Ħallas lill-barklori, rahom itellgħulu ħwejġu bis-sliema fuq il-vapur, qabad mal-iskala u beda tiela'. Xħin laħaq fuq, sab ma' wiċċu qassis żagħżugħ, fuq tiegħu, irqajjaq, maħruq bix-xemx, bil-bixra ta' wieħed li ma jistax jilħaq mat-taħbit li għandu, u b'biċċa karta miktuba f'id waħda, b'lapes fl-oħra, kien qiegħed iħażżeż l-ismijiet tat-tfal li jitilgħu abbord.

"Int x'jismek?"

"Luretu."

"Luretu, kollox sew, naf ħafna Lureti jien. Imma x'inhu kunjomok?"

"Debrinkat," wieġeb b'ħarsa grixtija u ħiemda Luretu, filwaqt li ħass il-qiegħa tal-għuda ta' taħtu titriegħed bil-ħdim tal-magni u wara li wieħed baħri talabhom jersqu 'l ġewwa biex itellgħu l-iskala.

"Hekk sewwa. Minn Ħal Rażul?"

"Iva, minn Triq il-Ħbula."

"Għalhekk xagħrek imħabbel?" saqsieh daħkan.

Luretu tbissem miksur għal dik il-ħlieqa ta' mogħdija ta' żmien u xengel rasu għax ma għarafx x'jaqbad iwieġeb; iżda xħin ħares madwaru u lemaħ ftit 'il bogħod minnu kagħka tfal tamparu, ħafna minnhom bi lbies aħjar minn tiegħu bil-bosta, bil-qatgħa ta' fommhom u bil-bixra ta' wiċċhom imħejjija biex mal-ewwel ċajta oħra tal-qassis żagħżugħ jinfexxu jiddieħku bih bla mogħdrija, instaram u sar aħmar nar.

Ġużè Bonnici
(Mir-rumanz *Ħelsien*)

**(Total: 10 marki)**